**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Maria Bellotti**

**Illum, 28 ta' Frar 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Maria Bellotti**, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 342070(M)

Akkuzata talli:

nhar is-27 ta' Frar 2018 ghall-habta ta' bejn l-10.20am u l-10.30am gewwa l-Iskola Santa Margerita, sitwata fi Triq San Dwardu, Bormla u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioè l-Kap ta' l-iskola bl-isem ta' Lorna Schembri, fil-waqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjat jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioè l-Kap ta' l-iskola bl-isem ta' Lorna Schembri waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghaha jew tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq ufficjal pubbliku u cioè l-Kap ta' l-iskola bl-isem ta' Lorna Schembri hekk kif iccertifikaw Dr. Chris Giordamaina MD reg. No 3584 minn l-Isptar Mater Dei u Dr. Glen Micallef MD reg. 3230 mic-Centru tas-Sahha ta' Bormla.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbet kontra Lorna Schembri sabiex tingurjaha, idejjaqha, jew taghmel hsara lil din il-persuna.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisret l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

> Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tiprovdi ghas-sigurta tal-Kap ta’ l-iskola Lorna Schembri msemmija hawn fuq garanzija taht artikolu 383 tal- Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta u kif ukoll tohrog ordni ta’ protezzjoni sabiex tiprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza jew individwi ohra skond artikolu 412 (c) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata Maria Bellotti regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra il-posizzjoni taghha;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95, 96(a), 214, 221(1)(c), 339(1)(d), 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputata, fuq ammissjoni ssib lill-imputata Maria Bellotti hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Il-Qorti tikkundannaha ukoll multa kumplessiva ta' erbat elef Ewro (€4,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur